**15 ta' Mejju, 1995**

Imħallfin:-

**Onor. Dr. Joseph D. Camilleri, B.A., LL.D. - Aġent President**
**Onor. Albert Manche`, LL.D.**
**Onor. Dr. Noel V. Arrigo LL.D.**

Lawrence Grech *et*

*versus*

L-Onoveroli Prim Ministru *et*

**Drittijiet Fundamentali - Liberta` ta' Informazzjoni - Liberta` ta' espressjoni - Libell - Malafama - Inġurja - Pubblikazzjoni - Editur - Liberta` ta' l-Istampa**

*Ir-rikorrenti, fil-kwalita' tagħhom ta' edituri ta' gazzetta lokali, ippubblikaw ittra fil-ġurnal tagħhom li sussegwentement ġiet ritenuta mill-Qrati li kient libelluża. Ir-rikorrenti kienu ġew kkundannati jħallsu d-danni lill-persuni libellati. Ir-rikorrenti issa allegaw li d-dritt tagħhom għall-liberta' ta' espressjoni ġie leż. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*L-artikolu 10 tal-Konvenzjoni, meħud fil-kumpless tiegħu, jistabbilixxi tlett kriterji ta' kontroll, li għandhom jiġu applikati biex jiġġustifikaw l-inammissibilita' tal-liberta' ta' espressjoni, bħala dritt fundamentali, jiġifieri, tali interferenza kontra dik il-liberta' trid tkun:*

*(a) awtorizzata b'liġi;*

*(b) tkun diretta li tilħaq xi wieħed mill-iskopijiet leġittimi msemmija fl-istess artikolu; u*

*(ċ) li tkun neċessarja f'soċjeta' demokratika, kompatibbilment ma' l-obbligi u r-responsabbilitajiet li l-liberta' ta' espressjoni timporta.*

*F'dan il-każ l-interferenza kienet meħtieġa biex tipproteġi lill-individwu mill-malafama u inġurja. Tali interferenza hija neċessarja biex tipproteġi d-drittijiet ta' l-oħrajn u għalhekk hija meħtieġa f'soċjeta' demokratika.*

Il-Qorti:-

Fil-25 ta' Frar, 1994 l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ippronunzjat din is-sentenza:

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih, wara li esponew li, fil-ħarġa ta' "The Sunday Times" ta' l-24 ta' Marzu, 1985 ġiet pubblikata

ittra bl-isem *A Fishy Story* (Dok. A); li, in segwitu għal din l-ittra, l-Ministru tal-Kummerċ u Ippjanar Ekonomiku, mingħajr ma għamel ebda verifika, anzi avolja ġie muri li l-kontenut ta' dik l-ittra ma kienx korrett, minnufih neħħa jew ikkwalifika l-liċenzji ta' importazzjoni viġenti ta' l-intimati Bonnici *nomine*; li l-intimati Bonnici ħassewhom aggravati bit-tħassir tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u permezz ta' ċitazzjoni quddiem din il-Qorti fl-ismijiet **Joseph Bonnici *noe et vs* Anthony Montanaro *noe*** talbu li, skond l-artikolu 29 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Istampa, jiġi dikjarat li dik l-ittra tikkostitwixxi nġurja u malafama ta' negozju a dannu tagħhom, u li l-Editur ta' "The Sunday Times" jiġi kkundannat iħallashom somma li ma teċċedix Lm2000;

Li bis-sentenza tagħha ta' l-24 ta' Mejju, 1990 din il-Qorti rrespinġiet l-eċċezzjonijiet tagħhom u kkundannat lill-konvenut iħallas Lm250 in linea ta' danni derivanti mit-twaqqif tal-liċenzji;

Li bis-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju, 1992 l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Prim Istanza;

Li huma jissottomettu li l-artikolu 29 tal-Liġi ta' l-Istampa, kif interpretat u applikat miż-żewġ sentenzi fuq imsemmija, jivvjola d-dritt fundamentali tal-liberta` ta' l-informazzjoni protett mill-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Li l-prinċipju fundamentali huwa li kull persuna għandha tkun libera li tesprimi ruħha mingħajr xkiel jew penalitajiet. Skond il-Kostituzzjoni ebda limitazzjoni għal din ir-regola ma hija permissibbli ħlief meta l-limitazzjoni tkun (a) magħmula bl-awtorita` tal-liġi (b) **raġonevolment meħtieġa** biex tipproteġi r-

reputazzjoni u d-drittijiet ta' oħrajn u (ċ) raġonevolment ġustifikabbli f'soċjeta' demokratika. Skond il-Konvenzjoni, kull limitazzjoni għad-dritt tal-liberta' ta' l-istampa trid tkun "**necessary** *in a democratic society*";

Li s-sentenzi in kwistjoni espressament ippenalizzaw lill-Editur mhux talli hu, b'xi aġir irresponsabbli tiegħu, kkawża dannu dirett lill-importatur Paolo Bonnici Ltd., imma talli l-Gvern, mingħajr ma għamel ebda verifika ta' l-allegazzjoni kontenuta fl-ittra inkriminata, ħassar jew issospenda l-liċenzji ta' l-importazzjoni ta' dak l-aġent;

Li l-esponent jista' ġustament jiġi penalizzat għal kull ħsara **diretta** u raġonevolment **prevedibbli** kawżata negliġentement minnu, imma jkun mankament tad-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni jekk, bħala editur jiġi wkoll penalizzat meta l-Gvern irresponsabbilment jabbuża mid-diskrezzjoni tiegħu fil-kamp tal-liċenzji u jinfliġġi dannu inġust u faċilment evitabbli fuq l-importatur;

Li huwa eminentement fl-interess pubbliku u *tat-tħaddim tad-*demokrazija li l-istampa ma tiġix, sporporzjonatament imxekkla fil-liberta' ta' l-espressjoni. Sentenzi bħal dawn fuq riferiti, li jippenalizzaw lill-Editur għall-ħsara kawżata mill-abbuż ta' terz, ixekklu gravament l-funzjoni pubblika ta' Editur li jippubblika l-ilmenti tal-poplu. Minn dawk is-sentenzi 'l quddiem, kull editur f'Malta jaħdem taħt l-biża' li jkollu jirrispondi mhux għad-dannu minnu kawżat imma għal kull dannu inċidentali kawżat minn terzi li jabbużaw mill-obbligu li jeżerċitaw l-poteri diskrezzjonali tagħhom b'mod informat, prudenti u ġust. Minn issa 'l quddiem, meta l-Gvern, mingħajr ma jinvestiga jew jivverifika xejn minn

dak li jiġi pubblikat, jaqbad u jirrevoka liċenzja jew jagħmel xi ħsara oħra, d-delinkwenza hija tal-gazzetti, u mhux tal-Gvern! Żgur li jista' jingħad illi s-sanzjoni bħal din imposta fuq kull editur, hija "*likely to discourage open discussion in matters of public concern*" (Thorgeirson vs Iceland - Qorti Ewropeja - 25.6.1993 - para. 68);

Li żgur li mhux raġonevolment meħtieġa *(necessary)* u ġustifikabbli f'soċjeta' demokratika li gazzetta tiġi punita u intimidata bil-minaċċja li tħallas hi għad-danni kawżati mill-abbuż ta' poter ta' l-eżekuttiv;

Li l-applikazzjoni tal-Liġi ta' l-istampa minn dawn iż-żewġ sentenzi poġġiet oneru rraġonevoli fuq l-funzjoni pubblika tal-ġurnaliżmu liberu, li jirrestrinġi b'mod inaċċettabbli u illeġittimu d-dritt fundamentali tal-liberta' ta' l-istampa;

Talbu umilment li din il-Qorti jogħġobha tiddikjara li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Istampa, fil-każ odjern, permezz taż-żewġ sentenzi fuq imsemmija, jivvjolaw il-garanzija tal-liberta' ta' l-espressjoni kontenuta fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u li, konsegwentement, tiddikjara bħala nulli u inesegwibbli l-imsemmija żewġ sentenzi jew li tordna kumpens xieraq biex jindennizżahom mill-konsegwenzi tagħhom u li tagħti kull ordni u direttiva oħra meħtieġa skond il-każ biex tiżgura t-twettiq ta' l-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja. Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' Joseph u Paul Bonnici in rappreżentanza ta' Paolo Bonnici Limited li biha, wara li esponew:

Li huma kienu bbażaw il-proċeduri li ħadu kontra s-"Sunday Times" fuq il-fatt illi bil-pubblikazzjoni ta' l-ittra esibita mar-rikors odjern kienet saret inġurja u malafama ta' negozju a dannu tagħhom għall-finijiet ta' l-artikolu 29 ta' l-Att ta' l-1974 Dwar l-Istampa;

Fost l-addebiti illi huma kienu ħassew ruħhom inġurjati bihom kienu dawn:

*"Tuna fish is being sold as sardines - quite clearly a case of misrepresentation if ever there was one"* u *"Tuna fish is a commodity falling within the Bulkbuying Scheme and presumably contributes towards the Price Stabilisation Fund. Has the importer of the sardines (sive Tuna) concerned effected any such contribution?"*

Barra dawn l-addebiti, li kienu foloz, huma kienu wkoll oġġezzjonaw għat-ton ġenerali ta' l-ittra;

*Għandu jiġi rilevat illi l-Editur lanqas biss indenja ruħu* jagħmel id-debiti verifiki kif il-Liġi tobbligah jagħmel u kemm din l-Onorabbli Qorti kif ukoll l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddeċidew li kien hemm malafama ta' negozju a dannu ta' l-esponenti;

Fil-ġurnata stess li kienet pubblikata l-ittra, huma kienu pprotestaw verbalment ma' l-Editur;

Ir-rikorrenti kienu ġew penalizzati għall-aġir illegali tagħhom u mhux minħabba xi ħsara kaġonata minn terzi. Id-dannu kien deċiżament kaġonat mir-rikorrenti bil-pubblikazzjoni abużiva ta' *l-istess ittra - u dan id-dannu sar qabel u indipendentement minn* kull azzjoni ta' terzi. Hija għal kollox skorretta l-allegazzjoni tar-

rikorrenti illi l-konvenut kien ġie kundannat iħallas Lm250 in linea ta' danni derivanti **mit-twaqqif ta' liċenzji**;

Li, mill-premess, jidher ċar illi ma kien hemm ebda ksur tad-dritt tal-liberta` ta' espressjoni - kien hemm żgur aġir abużiv u illegali tar-rikorrenti; u għalhekk , wara li għamlu referenza għall-atti tal-kawża fl-ismijiet **Joseph Bonnici *et vs* Anthony Montanaro *noe*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Mejju, 1990 u mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta'Mejju, 1992 u rriżervaw li jġibu l-provi li jista' jkun hemm bżonn, issottomettew bir-rispett illi t-talbiet tar-rikorrenti huma għal kollox infondati u li għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Onorevoli Prim Ministru li biha espona:

Li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti motivi:

1. Fil-fatt, peress li mhux fattwalment korrett dak li hu allegat fis-sens li l-atturi ġew kundannati mill-Qorti sabiex iħallsu ta' danni kaġunati min terzi. Ir-referenza għall-miżuri amministrattivi li saret mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell huwa ċar li saret biss fil-kors tal-konsiderazzjoni ta' dik il-Qorti dwar jekk l-ittra in kwistjoni kinitx waħda li "x'aktarx tagħmel ħsara lil xi negozju" fit-termini ta' l-artikolu 29 tal-Liġi ta' l-Istampa;

Tant hu hekk, illi dik il-Qorti kkundannat lir-rikorrenti sabiex iħallsu biss danni morali naxxenti mill-inġurja u la llikwidat u lanqas ikkundannathom biex iħallsu ebda danni attwali;

2. Fid-dritt peress illi:

I. Il-liġijiet dwar il-libell kummerċjali jikkostitwixxu limitazzjoni permissibbli għad-dritt tal-liberta' ta' espressjoni peress li huma neċessarji f'soċjeta' demokratika sabiex tiġi evitata d-diżordni sabiex jiġi protett l-ordni pubbliku u sabiex jiġu protetti r-reputazzjoni u d-drittijiet ta' ħaddieħor;

II. L-applikazzjoni ta' dik il-liġi għall-fatti tal-każ odjern li saret mill-Qrati kienet waħda ġustifikata, proporzjonata u neċessarja f'soċjeta' demokratika u l-obbligu ta' l-eżerċizzju ta' diliġenza xierqa fuq l-editur qabel ma jippubblika ittra bħal dik in kwistjoni ma jikkostitwix ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu;

III. Illi r-riferenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Thorgeirson *vs* Iceland** ma tagħmilx għall-każ odjern stante differenza sostanzjali bejn l-artikoli in eżami f'dik il-kawża u l-ittra *de quo*;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti (fol. 32);

Rat in-nota responsiva ta' l-intimati Bonnici *nomine* (fol. 50);

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Ottubru, 1992 li bih ordnat li jiġi allegat il-proċess tal-kawża **Joseph Bonici *et vs* Anthony Montanaro *noe***;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Eżaminat l-istess proċess;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati;

Ikkunsidrat:

Dak li ta l-bidu għal din il-proċedura kienet ittra, li kopja tagħha tinsab esebita bħala *Dok A*. (a fol 7), u li ġiet pubblikata fis-"Sunday Times" ta' l-24 ta' Marzu, 1985. Din l-ittra, li s-soċjeta' intimata ħasset li kienet malafamanti fil-konfront tagħha, ma kinitx iffirmata iżda min kitibha ried li tkun pubblikata bil-psewdonomu *Vigilant*;

Is-soċjeta' intimata aġixxiet b'kawża kontra r-rikorrenti Anthony Montanaro, fil-kwalita' tiegħu ta' Editur ta' l-imsemmija gazzetta u, wara li ppremettiet li l-allegazzjonijiet kontenuti fl-istess ittra kienu nġurjużi fil-konfront tagħha u li l-istess soċjeta', in konsegwenza ta' din il-pubblikazzjoni, batiet danni u preġudizzju fin-negozju tagħha u li l-konvenut ma użax id-diliġenza xierqa biex jagħmel il-verifiki li jmissu għamel qabel ma ppubblika l-ittra, talbet lill-istess Qorti biex tiddikjara li l-pubblikazzjoni ta' l-istess ittra tikkostitwixxi nġurja u malafama ta' negozju a dannu tagħha skond l-Att ta' l-1974 Dwar l-Istampa u **partikolarment għall-finijiet ta' l-Artikolu 29 ta' l-istess Att** u li, konsegwentement, il-konvenut jiġi kundannat iħallasha dik is-somma, li ma teċċedix Lm2000, li tiġi likwidata fit-termini tal-preċitat artikolu. Din il-Qorti ddeċidiet il-kawża fl-24 ta' Mejju, 1990 u kkundannat lill-konvenut Montanaro *nomine* jħallas is-somma ta' Lm250.00 in linea ta' danni fit-termini tal-preċitat artikolu tal-liġi. Din il-kundanna waslet għaliha wara li kkunsidrat li, fil-liġi tagħna, mhux rikjest li jkun hemm *dolus* f'min jippubblika l-istampat iżda biss nuqqas ta' diliġenza xierqa. Għalhekk, fil-fehma ta' l-istess Qorti, kien ikun biżżejjed għall-konvenut *nomine* biex jeżimi ruħu mir-

responsabbilta` kieku vverifika x'inhija sewwa l-posizzjoni mad-Dipartiment tal-Kummerċ u, possibilment mas-soċjeta` attriċi, importatriċi unika f'Malta tal-prodott in kwistjoni. Fil-fatt, irriżulta lill-istess Qorti li l-konvenut m'għamel xejn minn dan. *Il-Qorti, fl-imsemmija sentenza,* kompliet tgħid dan: "L-attur *nomine* mhux biss **ġab il-prova tal-potenzjal tal-ħsara li seta' nkorra imma ġab provi suffiċjenti biex jiddimostra li l-liċenzji tiegħu li kellu pendenti ġew ritirati**" (s-sottolinejar huwa ta' din il-Qorti). Il-konvenut bl-ebda mod ma kkontradixxa l-verzjoni mogħtija mill-attur *nomine* dwar il-fatti biex juri l-falsita` ta' dak li nkiteb. Inoltre, bil-pubblikazzjoni ta' l-ittra, l-konvenut ġie li, għall-fini tal-liġi, huwa kien qed jagħmel tiegħu dak li ntqal fl-ittra. Ma hemm ebda disassoċjazzjoni da parti ta' l-editur għall-kitba mitbugħa. **Għall-fini ta' ffissar ta' danni l-liġi tħalli l-istess fid-diskrezzjoni tal-Qorti - b'dan li tistabbilixxi massimu ta' elfejn lira Maltin. Ovvjament, il-Qorti għandha tqis min-naħa d-danni li ġew kaġjonati bil-kitba, ix-xorta ta' kitba flimkien mal-fatt li ebda tismija ta' l-importatur jew tal-prodott ma deħru. Kollox magħdud, għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li, in linea ta' danni, għandha tiġi likwidata s-somma ta' mitejn u ħamsin lira Maltin (Lm250.00)**;

Il-konvenut *nomine* (wieħed mir-rikorrenti) appella minn din is-sentenza u l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkonfermatha b'sentenza mogħtija fis-26 ta' Mejju, 1992. Wieħed jista' jgħid li r-*ratio decidendi* ta' din is-sentenza jinsab kompendjat fis-segwenti motivazzjonijiet li qegħdin jiġu riprodotti *verbatim*. Il-konvenut kellu l-obbligu - meta rċeva l-ittra li fiha din id-dikjarazzjoni, li juża d-diliġenza neċessarja - qabel jippubblikaha, biex jikkontrolla jekk il-fatti rakkontanti humiex veri jew foloz - għaliex ma setax kellu dubbju li dawk il-fatti, billi jimputaw ksur tar-regolamenti

amministrattivi u ksur tal-Kodiċi Kummerċjali, billi l-importatur kien qed jagħti ndikazzjoni falza tal-merkanzija - mhux probabilment, imma *ċertament kien ser jagħmillu ħsara. Kif fil-fatt ġara*;

Kif sewwa qalet is-sentenza appellata, l-liġi ma tirrikjedix dolo imma dik il-culpa li wieħed jaqa' fiha u jkun ħati tagħha meta jonqos mid-dover ta' diliġenza rikjesta mil-liġi. Il-potenzjal tal-ħsara huwa element aktar oġġettiv milli soġġettiv;

Finalment il-ħsara li sofriet il-kumpannija attriċi segwiet immedjatament wara l-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni falza u din ħadet il-forma ta' miżuri uffiċjali amministrattivi - kif ġiet pruvata;

Issa, bl-att promotorju ta' din il-proċedura, r-rikorrenti qegħdin jitolbu li din il-Qorti tiddikjara li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' *l-artikolu 29 tal-Att ta' l-1974* dwar *l-Istampa, fil-każ tagħhom*, permezz taż-żewġ sentenzi fuq imsemmija, jivvjolaw il-garanzija tal-liberta` ta' l-espressjoni kontenuta fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u li, konsegwentement, tiddikjarahom nulli jew li tordna kumpens xieraq li jindennizza lir-rikorrenti mill-konsegwenzi tagħhom u li tagħti kull ordni u direttiva oħra meħtieġa skond il-każ biex tassigura t-twettiq ta' l-imsemmija disposizzjonijiet;

Ikkunsidrat:

*F'dan l-istadju, huwa meħtieġ, għall-aktar kjarezza, li d-diversi* artikoli tal-liġijiet, li għalihom saret referenza u li huma rilevanti, jiġu riprodotti hawnhekk biex l-osservazzjonijiet li ser tagħmel il-Qorti jintrabtu magħhom;

Dawn huma: (1) **Artikolu 29 tal-Kap. 248**

Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, jippubblika xi dikjarazzjoni li jkun jaf li hi jew bid-diliġenza xierqa seta' jkun jaf li hi falza u li x'aktarx tagħmel ħsara lil xi negozju jew proprjeta' oħra, jeħel li jħallas, minbarra d-danni li jkollhom jitħallsu taħt xi liġi oħra li tkun isseħħ dwar kull telf jew ħsara attwali, somma ta' mhux iżjed minn elfejn lira li tiġi stabbilita mill-Qorti kompetenti;

(2) **Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni**

"(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-liberta' tiegħu ta' espressjoni, magħduda liberta' li jkollu fehmiet mingħajr indħil, liberta' li jirċievi idejat u tagħrif mingħajr indħil, liberta' li jikkomunika idejat u tagħrif mingħajr indħil (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jew klassi ta' persuni) u liberta' minn indħil dwar il-korrispondenza tiegħu;

(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorita' ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma jew bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvediment:

(a) li jkun meħtieġ raġonevolment:

(1) fl-interess tad-difiża, sigurta' pubblika, ordni pubbliku, moralita' jew deċenza pubblika, jew saħħa pubblika; jew

(2) sabiex jiġu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni oħra, jew il-ħajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu ma proċeduri legali, jiġi evitat il-kxif ta' tagħrif riċevut sigriet, tiġi miżmuma l-awtorita' u l-indipendenza tal-Qrati, jiġu protetti l-privileġġi tal-Parlament, jew jiġu regolati t-telefonu, it-telegrafu, il-posta, ix-xandir bil-*wireless*, it-televiżjoni jew mezzi oħra ta' *komunikazzjoni, esibizzjonijiet pubbliċi jew divertimenti pubbliċi*;

jew

(b) li jimponi restrizzjonijiet fuq uffiċjali pubbliċi, u ħlief safejn dak il-provvediment jew, skond il-każ, il-ħaġa magħmula skond l-awtorita' tiegħu tiġi murija li ma tkunx raġonevolment ġustifikabbli f'soċjeta' demokratika";

(3) **Artikolu 10 ta' l-ewwel Skeda fl-Att XIV ta' l-1987**

"(1) Kulħadd għandu d-dritt għall-liberta' ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-liberta' li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u idejat mingħajr indħil mill-awtorita' pubblika u mingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri. Dan l-artikolu m'għandux jimpedixxi l-istati milli jeħtieġu liċenzji għax-xandir, televiżjoni jew impriżi ċinematografiċi;

(2) L-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabbilitajiet, jista' jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjeta' demokratika, fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali, integrita' territorjali jew sigurta' pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti għall-protezzjoni tar-

reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat *il-kxif ta'* informazzjoni riċevuta b'sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtorita' u l-imparzjalita' tal-ġudikatura";

Jidher minn eżami akkurat tal-preċitat artikolu 29 tal-Kap. 248, li l-liġi tesiġi li, min iħarrek fit-termini tiegħu, irid jipprova l-potenzjal tal-ħsara li l-pubblikazzjoni tista' tirrekalu. Infatti, d-"dikjarazzjoni" trid tkun waħda li x'aktarx tagħmel ħsara lil xi negozju jew proprjeta' oħra. Jingħad ukoll, fl-istess disposizzjoni tal-liġi, illi dak li jkun irid ikun jaf li d-dikjarazzjoni hi falza jew inkella li kieku uża **diliġenza xierqa** seta' jkun jaf li hi falza. Inoltre, s-somma li jkollu jħallas, li ma tistax teċċedi *l-ammont ta'* Lm2000.00 hija **minbarra d-danni dwar kull telf jew ħsara attwali** li jkollu dritt għalihom min ikun sofra l-malafama;

Issa hu ċar li s-soċjeta' intimata kienet azzjonat lir-rikorrenti Montanaro *nomine* fit-termini tal-preċitat artikolu tal-Liġi. Infatti, l-att promotorju tagħha huwa talment konfezzjonat li, fost il-kawżali, hemm inklużi l-elementi kollha meħtieġa biex tkun tista' tirnexxi biċ-ċitazzjoni. Mhux biss, iżda anke d-domandi huma kollha fit-termini tal-preċitat artikolu. Difatti, fir-rigward taż-żewġ talbiet jingħad li qegħdin jintalbu ".... għall-finijiet ta' l-artikolu 29 dwar l-Istampa";

Għandu jingħad ukoll illi din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Mejju, 1990 applikat id-dettami tal-preċitat artikolu b'rigorożita' ineċċeppibbli. Hawnhekk il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tagħmel referenza għal dak li diġa' ntqal aktar 'l fuq f'din is-sentenza. Xejn inqas rigoruża mad-dettami tal-liġi kienet is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li kkonfermat l-imsemmija sentenza;

Ir-rikorrenti, fl-att promotorju tagħhom, jgħidu li dawn iż-żewġ sentenzi ppenalizzawhom mhux talli l-Editur, b'xi aġir irresponsabbli tiegħu, kkawża dannu dirett lis-soċjeta` intimata "imma talli l-Gvern, mingħajr ma għamel ebda verifika ta' l-allegazzjoni kontenuta fl-ittra nkriminata, ħassar jew issospenda l-liċenzji ta' l-importazzjoni tagħha";

Fil-fehma tal-Qorti, din il-lanjanza mhix sostenibbli. M'humiex korretti ir-rikorrenti meta jgħidu li huma ġew kundannati minħabba danni li kienu derivanti mit-twaqqif tal-liċenzji lis-soċjeta` intimata. Din il-pretensjoni ġiet ripetuta kemm-il darba mill-abbli difensur tar-rikorrenti waqt it-trattazzjoni tal-kawża u kienet ukoll enfasizzata fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom (fol. 34) fejn, in sostenn tagħha, ssir referenza għad-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-intimati Bonnici *nomine* li takkompanja ċ-ċitazzjoni tagħhom. L-intimati Bonnici pero', ma setgħux ma jsemmux, fid-dikjarazzjoni tal-fatti tagħhom, dak li kien ġara wara l-pubblikazzjoni ta' l-ittra. Mhix ħaġa konċepibbli li s-soċjeta` intimata, filwaqt li qegħda taġixxi fit-termini ta' l-artikolu 29 preċitat - li kif intqal, jesiġi l-prova tal-potenzjal tal-ħsara - ma ssemmix għall-konsiderazzjoni tal-Qorti, li trid tiddeċiedi, dak li kien ir-riżultat immedjat tal-pubblikazzjoni;

Dak li kellha taċċerta ruħha minu l-Qorti kien preċiżament jekk il-pubblikazzjoni ta' l-ittra kinitx tali li x'aktarx tagħmel ħsara lin-negozju tas-soċjeta` intimata. Fil-fatt, l-Qorti kkonkludiet li s-soċjeta` intimata mhux biss għamlet il-prova tal-potenzjal tal-ħsara li setgħet tinkorri, iżda ġabet provi suffiċjenti biex turi li l-liċenzji li kellha pendenti ġew ritirati u li, inoltre, bil-pubblikazzjoni tal-ittra, il-konvenut (rikorrenti) ġie li, għall-fini tal-liġi, huwa kien

qiegħed jagħmel tiegħu dak li ntqal fiha;

Imbagħad, meta ġiet għall-parti disposittiva tas-sentenza, l-ewwel ħaġa li qalet il-Qorti kienet li l-fissazzjoni tad-danni kienet rimessa għad-diskrezzjoni tagħha sakemm ma jinqabiżx il-massimu ta' Lm2000.00 u, wara, għaddiet biex tgħid li kienet qegħda tikkunsidra d-danni li ġew kaġjonati bil-kitba, x-xorta tal-kitba u l-fatt li ebda tismija ta' l-importatur ma dehret u spiċċat hekk: "Kollox magħdud għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li in linea ta' danni għandha tiġi likwidata s-somma ta' mitejn u ħamsin lira Maltin (Lm250.00)". Jista' jkun li l-Qorti kienet daqsxejn infeliċi fl-għażla tal-kliem "għandha tiġi likwidata" għaliex normalment wieħed jassoċjahom ma' danni veri u proprji mentri l-artikolu *29* preċitat jadopera l-kliem "jeħel il-ħlas" li, fil-verita' jfissru "penali";

Dak li, pero', ixejjen għal kollox din il-pretensjoni tar-rikorrenti li huma ġew kundannati jħallsu d-danni derivanti mit-twaqqif tal-liċenzji li kellha s-soċjeta' intimata huwa l-fatt li l-istess soċjeta' matul il-kawża qatt ma kkwantifikat dawn id-danni. Il-fatt, imbagħad, li dawn id-danni jammontaw għas-somma ta' Lm12,084.00 kif jidher mid-dokument *XY* a fol. 28, jikkonferma bl-aktar mod lampanti li din il-pretensjoni ma tistax tittieħed bis-serjeta'. Dawn huma d-danni li l-artikolu 29 tal-Kap. 248 isemmi li "*jkollhom jitħallsu* taħt xi **liġi oħra** *li tkun isseħħ dwar kull telf* jew ħsara attwali";

Fir-rigward tal-artikolu 10 ta' l-ewwel skeda fl-Att XIV ta' l-1987, li mhux ħaġa oħra ħlief l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja, din il-Qorti sejra tikkwota dak li qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Il-Pulizija *vs* l-Onorevoli Dottor Joseph Brincat *et*** (ref. Nru. 274/89) mogħtija fil-5 ta' Ottubru,

1992. Intqal hekk: Huwa forsi utili .... li jsir kumment qasir fuq il-portata ta' dan l-artikolu, li ngħatat mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, fis-sentenza fil-każ magħruf bħala Handyside - pubblikata f'Series A No. 34;

L-ewwelnett l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni, meħud fil-kumpless tiegħu, jistabbilixxi tlett kriterji ta' kontroll, li għandhom jiġu applikati biex jiġġustifikaw l-inammissibilita' tal-liberta' ta' espressjoni, bħala dritt fundamentali, jiġifieri, tali interferenza kontra dik il-liberta' trid tkun;

(a) awtorizzata b'liġi;

(b) tkun diretta li tilħaq xi wieħed mill-iskopijiet leġittimi msemmija fl-istess artikolu; u

(ċ) li tkun neċessarja f'soċjeta' demokratika, kompatibbilment ma' l-obbligi u r-responsabbilitajiet li l-liberta' ta' espressjoni timporta;

Jidher li r-rikorrenti jaqblu sostanzjalment ma' dawn il-kriterji ta' kontroll fuq enunċjati, pero', huma jsostnu li bil-kelma *necessary* jew "meħtieġa" wieħed għandu jifhem "indispensabbli" (ara nota tagħhom a fol.41) u jissottomettu li hu nkonċepibbli li din il-Qorti tasserixxi li huwa meħtieġ u indispensabbli li huma jiġu puniti talli l-Gvern approfitta ruħu minnhom biex iwaqqaf il-liċenzji ta' Bonnici; huwa dan li trid tgħid (il-Qorti) biex tiċħad ir-rikors odjern";

Aktar 'l fuq, fl-istess nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti jikkonċedu li "superfiċjalment il-Qrati li kkundannawhom

għamluh in forza ta' liġi" u jkomplu jżidu li "mhux il-liġi ta' l-Istampa li qegħda tiġi mpunjata, imma l-applikazzjoni anti-kostituzzjonali tagħha għall-fatt partikolari ta' dan il-każ";

Jingħad li t-tifsira li jagħtu r-rikorrenti tal-kelma *meħtieġa* jew *necessary* mhix korretta. Infatti, skond ma ġie deċiż f'sentenza sussegwenti tal-Qorti Ewropeja magħrufa bħala *Lingens*, tat-8 ta' Lulju, 1987 *"the adjective necessary within the meaning of article 10 para. 2, implies the existence of a pressing social need"*;

Fil-każ in eżami, il-Qorti jidhrilha li l-artikolu 29 tal-Kap. 248 huwa interferenza meħtieġa li tiġġustifika l-inammissibilita' tal-liberta' ta' espressjoni, bħala dritt fundamentali, għaliex huwa dirett biex jilħaq l-iskop leġittimu li jipproteġi r-reputazzjoni ta' ħaddieħor. Kulħadd għandu dritt għar-reputazzjoni u fama tajba tiegħu; li wieħed jattakka r-reputazzjoni u jnaqqas l-istima li persuna tgawdi fis-soċjeta' hija ħaġa kerha u ta' min jistmerriha. Ir-reputazzjoni tajba hija aqwa minn kull ġid materjali li wieħed jista' jkollu. U l-liġi, li tipproteġielna l-ġid materjali u l-integrita' fiżika tagħna, timmira wkoll li tħarsilna l-integrita' morali tagħna kif ukoll l-isem tajjeb tagħna. Dan kollu huwa raġonevolment meħtieġ f'soċjeta' demokratika u, għalhekk, il-limitazzjoni li l-imsemmi artikolu tal-liġi jagħmel għal-liberta' ta' espressjoni, bħala dritt fundamentali, għandha l-iskop li tipproteġi r-reputazzjoni u l-fama ta' ħaddieħor;

Konsegwenza ta' dan kollu, ma jistax jingħad, kif isostnu r-rikorrenti, li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 preċitat, fil-każ tagħhom, permezz taż-żewġ sentenzi imsemmija, jivvjolaw il-garanzija tal-liberta' ta' espressjoni kontenuta fil-preċitati artikolu tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Huwa l-obbligu tal-Qrati li jinterpretaw il-liġi b'mod ġust. Hekk jirriżulta li sar fil-każ odjern;

Dak li donnhom ma jistgħux jifhmu r-rikorrenti huwa li s-soċjeta' intimata kellha kull dritt li taġixxi, kif fil-fatt għamlet, kontra tagħhom, għal malafama; kif ukoll li dak li għamel il-Gvern, fil-konfront tagħha, m'għandu x'jaqsam xejn ma' l-azzjoni ta' natura privata li hija eżerċitat kontra tagħhom b'suċċess;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, din il-Qorti ma tħossx li biċ-ċaħda tat-talbiet tar-rikorrenti tkun qegħda, kif jgħidu huma, tasserixxi li huwa meħtieġ u indispensabbli li huma jiġu puniti talli l-Gvern ta' dak iż-żmien approfitta ruħu minnhom biex iwaqqaf il-liċenzji tas-soċjeta' intimata;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi r-rikors billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti; bl-ispejjeż kontra tagħhom";

Ir-rikorrenti Lawrence Grech u Anthony Montanaro fil-kwalita' tagħhom ta' Editur ta' "The Sunday Times" interponew appell minn din is-sentenza, u, wara li esponew l-aggravji tagħhom, talbu li prevja r-riġett ta' l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati, dina l-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet tagħhom - bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati;

Min-naħa l-oħra, iż-żewġ intimati, fir-risposti tagħhom, taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex is-sentenza appellata kienet ġusta u huma talbu li l-istess sentenza tiġi kkonfermata minn din il-Qorti;

Illi l-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddelunga ruħha fl-espożizzjoni *dettaljata tal-fatti li pprecedew din il-kawża* kostituzzjonali, billi s-sentenza appellata, li ġiet riportata *in toto*, fiha miġjuba b'mod eżawrjenti dawn il-fatti. Biżżejjed ingħad hawn illi:

a) Fl-24 ta' Marzu, 1985, ġiet pubblikata f'"The Sunday Times" ittra lill-Editur intestata "A Fishy Story" minn korrispondent li ffirma bil-psewdonomu *Vigilant*;

b) Fit-28 ta' Frar, 1987 Joseph u Paul aħwa Bonnici, in rappresentanza tas-soċjeta' Paolo Bonici Limited intavolaw kawża *(Citaz. Nru. 189/86) quddiem l-Onorabbli Prim'*Awla *tal-*Qorti Ċivili kontra Anthony Montanaro fil-kwalita' tiegħu ta' Editur ta' "The Sunday Times". L-atturi talbu (1) li l-Qorti tiddikjara li l-imsemmija pubblikazzjoni tikkostitwixxi ngurja u malafama ta' negozju għad-dannu tagħhom, partikolarment għall-finijiet tal-artikolu 29 tal-Att ta' l-1974 dwar l-Istampa; u (2) li l-Qorti tikkundanna l-konvenut li jħallashom dik is-somma li ma teċċedix (elfejn lira) Lm2000 likwidabbli ai termini ta' l-istess artikolu. Il-konvenut ikkontesta dawn it-talbiet b'ħames eċċezzjonijiet fosthom li l-ittra in kwistjoni ma kinitx libelluża u li l-atturi ma semmewx fl-ittra u ma kinux identifikabbli;

ċ) Fl-24 ta' Mejju, 1990 l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat is-sentenza tagħha li biha t-talbiet ta' l-atturi ġew milqugħa u għall-fini tat-tieni talba, kkundannat lill-konvenut li jħallas lill-attur is-somma ta' Lm250 in linea ta' danni, oltre l-ispejjeż ġudizzjarji;

d) Il-konvenut appella minn din is-sentenza. B'sentenza

mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Mejju, 1992 l-aggravji kollha avanzati mill-appellant ġew miċħuda u għalhekk, l-appell tiegħu ġie miċħud u s-sentenza appellata ġiet konfermata - bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi għall-appellant;

L-appellanti, fil-kawża odjerna, qegħdin jattakkaw il-validita' kostituzzjonali ta' dawn iż-żewġ sentenzi, tal-24 ta' Mejju, 1990 u tas-26 ta' Mejju, 1992. L-appellanti qegħdin jallegaw li dawn iż-żewġ sentenzi fihom interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata ta' l-artikolu 29 tal-Liġi ta' l-Istampa (Kap. 248), b'mod li jivvjolaw id-dritt ta' liberta' ta' espressjoni protett mill-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din l-allegazzjoni ma ġietx aċċettata mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) li bis-sentenza tagħha tal-25 ta' Frar, 1994 aktar 'il fuq riportata, ċaħdet it-talbiet, bl-ispejjeż;

Illi l-aggravju ta' l-appellanti huwa li l-ewwel Qorti:

".... ma apprezzatx biżżejjed illi l-gazzetta ta' l-esponenti ġiet penalizzata mill-Qorti mhux għall-aġir tagħha, imma talli l-Gvern b'abbuż manifest ta' poter, bi spirtu vendikattiv, arbitrarjament u dolożament ħassar il-liċenzji ta' l-importazzjoni ta' Bonnici";

Illi għandu jiġi rilevat li s-sentenzi li qegħdin jiġu impunjati b'din il-proċedura kostituzzjonali ma jissufragawx it-teżi ta' l-appellanti li da parti ta' l-awtoritajiet governattivi kien hemm xi abbuż ta' poter in konnessjoni mal-miżuri li ħadu wara l-pubblikazjoni ta' l-ittra in kwistjoni. Infatti, s-sentenza tal-Prim'Awla qalet hekk:

"Is-soċjeta' attriċi kienet l-unika ditta f'Malta li timporta dik

il-kwalita` ta' sardin u entro 24 siegħa mill-pubblikazzjoni ta' l-ittra, hija (is-soċjeta` attriċi, jiġifieri) intalbet tforni spjegazzjoni lill-awtoritajiet tad-Dipartiment tal-Kummerċ. Di piu`, id-Dipartiment tal-Kummerċ irtiralha l-liċenzji ta' importazzjoni ta' dan is-sardin fil-pendenza ta' l-investigazzjonijiet dipartimentali";

aktar l'isfel is-sentenza żiedet tgħid:

"L-attur *nomine* mhux biss ġab il-prova tal-potenzjal tal-ħsara li seta' nkorra imma ġab provi suffiċjenti biex jiddemostra li l-liċenzji tiegħu li kellu pendenti ġew irtirati";

Is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ma ssemmix il-liċenzji ta' l-importazzjoni *ut sic*, iżda sempliċement tgħid:

"Finalment il-ħsara li sofriet il-kumpannija attriċi segwiet immedjatament wara l-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni falza u din ħadet il-forma ta' miżuri uffiċjali amministrattivi - kif ġie pruvat";

Ta' min jirrileva huwa li ż-żewġ sentenzi impunjati ma investigawx u ma jippronunzjawx ruħhom dwar jekk l-operat ta' l-Awtoritajiet tal-Kummerċ fir-rigward tal-liċenzji tal-importazzjoni ta' l-appellati kienx wieħed korrett jew wieħed abbużiv billi din il-kwistjoni ma kinitx in ballo f'dik il-kawża u *d'altronde*, l-istess awtoritajiet governattivi ma kinux parti fiha. Inoltre, għandu jingħad li l-appellant Anthony Montanaro *nomine*, f'dik il-kawża, ma kienx qiegħed isostni li l-operat ta' l-awtoritajiet tal-Kummerċ kien wieħed abbużiv, arbitrarju u doluż, kif qiegħed jgħid issa, iżda f'dik il-kawża, il-ħames eċċezzjoni tiegħu tgħid espressament hekk:

"Huwa notorju illi l-liċenzji li jingħataw mill-awtoritajiet

governattivi huma kompletament diskrezzjonali";

Illi din il-Qorti m'għandhiex il-kompitu li tistabbilixxi u tikkwalifika bħala korrett jew abbużiv l-imsemmi operat tal-awtoritajiet, iżda għandha biss tikkonstata, kif qegħda tagħmel attwalment, li s-sentenzi impunjati assolutament ma jikkwalifikawx l-operat tal-Gvern bħala wieħed abbużiv jew doluż. Is-sentenzi impunjati ikkonstataw li wara l-pubblikazzjoni ta' l-ittra in kwistjoni, il-Gvern ħa miżuri amministrattivi, **li affettwaw ħażin** lin-negozju ta' l-appellat Bonnici. Is-sentenzi semmew dan il-fatt biex juru li r-rekwiżit tal-ħsara li jissemma fl-artikolu 29 tal-Kap.248 ġie sodisfatt billli mhux biss saret il-prova ta' ħsara potenzjali, iżda wkoll ta' ħsara attwali. Huwa sinifikattiv pero`, kif diġa` ntqal, li s-sentenzi impunjati qatt ma kkwalifikaw dawk il-miżuri amministrattivi (cjoe` il-ħruġ ta' permessi oħra lill-appellati Bonnici kontenenti ċerti riservi, restrizzjonijiet u *endorsements*) bħala miżuri meħuda abusivament mill-Gvern. Għalhekk l-allegazzjoni ta' l-appellanti li s-sentenzi mpunjati ippenalizzaw il-gazzetta minħabba **abbuż ta' poter** da parti tal-Gvern hija insostenibbli;

Din il-Qorti eżaminat akkuratament is-sentenzi impunjati u sabet, bħall-ewwel Qorti li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' l-imsemmi artikolu 29 tal-Kap.248 saru korrettement u b'mod ineċċepibbli;

Inoltre, bħal l-ewwel Qorti, din il-Qorti jidhrilha li s-sentenzi impunjati ma ippenalizzawx lill-appellanti għall-ħsara derivanti mill-miżuri amministrattivi, allegatament abbużivi li ittieħdu mill-Gvern. Tant hu hekk li ma hemm assolutament ebda relattivita' bejn il-kundanna ta' Lm250 u d-danni ta' aktar minn tnax-il elf lira li l-appellati Bonnici ipprovaw li batew f'din il-kawża minħabba l-

miżuri amministrattivi li ħa l-Gvern fil-konfront tal-liċenzji ta' l-Importazzjoni;

Invece, il-gazzetta ġiet penalizzata minħabba malafama ta' negozju konsistenti fl-allegazzjoni falza li l-prodott importat mill-appellati Bonnici bħala sardin kien tonn taż-żejt importat mill-Ġappun u li b'hekk, apparti l-indikazzjoni falza tal-merkanzija li biha kien jitqarraq il-konsumatur, kien hemm evażjoni tal-projbizzjoni korrenti dak iż-żmien, ta' l-importazzjoni mill-Ġappun u inoltre evażjoni tal-ħlas *tal-kontribuzzjoni lill-fond tas-sistema* tal-*Bulk Buying*. Is-sentenzi impunjati sabu li l-editur tal-gazzetta naqas jottempera ruħu ma' l-obbligu li kellu li, qabel jgħaddi għall-pubblikazzjoni, juża d-diliġenza xierqa li trid il-liġi sabiex jipprova jistabbilixxi jekk l-ittra li rċieva għall-pubblikazzjoni kienx fiha jew le, xi dikjarazzjoni li hija falza u li x'aktarx tagħmel ħsara lil xi negozju jew proprjeta' oħra ta' l-importatur, li l-operat tiegħu kien sejjer jiġi kkritikat. Is-sentenzi in kwistjoni sabu li l-editur qabad u pubblika mingħajr ma għamel l-ebda kontroll jew verifika u b'hekk tgħabba bir-responsabbilita' tal-malafama li bla ebda dubbju kienet sejra tikkawża ħsara lill-importatur;

Is-sentenzi impunjati waslu għall-konklużjoni korretta li l-liġi tagħna ta' l-istampa tolqot u tippenalizza anke:

"... dik il-culpa li wieħed jaqa' fiha u jkun ħati tagħha meta jonqos mid-dover ta' diliġenza rikjesta mill-liġi";

L-appellanti ġew penalizzati għal dan l-aġir irresponsabbli tagħhom, u mhux, kif jallegaw huma, għall-abuż ta' poter da parti tal-Gvern;

Illi din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-ewwel Qorti li s-sentenzi impunjati ma jmorrux kontra l-artikolu 10 tal-ewwel Skeda annessa ma' l-Att X ta' l-1987. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju li d-dritt tal-liberta` ta' espressjoni jifforma parti essenzjali mill-pedament li fuqu tinbena kull soċjeta` demokratika. Pero`, l-istess disposizzjonijiet, li jirrikonoxxu u jissalvagwardjaw dan id-dritt fundamentali, jimponu <u>**huma stess**</u> ċerti limitazzjonijiet, li huma wkoll raġonevolment meħtieġa u ġustifikabbli f'soċjeta` demokratika. Dawn il-limitazzjonijiet ovvjament huma akbar meta d-dikjarazzjoni jew l-opinjoni espressa tkun tikkonċerna materja kummerċjali (bħal ma hu l-każ odjern) milli meta si tratta ta' espressjoni ta' opinjoni ta' natura politika;

Is-sentenza appellata tiċċita s-sentenza ta' din il-Qorti li ngħatat fil-5 ta' Ottubru, 1992, fil-kawża **Il-Pulizija** ***vs*** **L-Onorevoli Dottor Joseph Brincat** ***et*** fejn jissemmew it-tlett kriterji li jiġġustifikaw interferenza kontra l-liberta` ta' l-espressjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti applikat l-imsemmija kriterji għall-każ odjern b'mod ġust u korrett u għalhekk, il-kritka li saret mill-appellanti ċertament ma tiġix ġustifikata;

Għal dawn il-motivi:

Tirrespinġi l-appell;

Tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna li anke l-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu a kariku ta'

l-appellanti.